**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 70**

19 t'Ottubru 2023

Is-sebgħin (70) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 19 t'Ottubru 2023 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 70.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

70.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 70.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

70.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tad-disgħa u sittin (69) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

70.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, SSH, VB, AD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

70.2.3. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 69.4.6.2 u qalet li hi ma taqbilx mal-proposta tal-Kunsillier JAE li jkun il-Kunsill li javviċina lill-organizzaturi hu.

70.2.3.1. Is-Sindku qal li n-no objection li tintalab mil-Pulizija għandha tingħata appena jintlaqgħu il-kundizzjonijiet kollha li jimponi l-Kunsill.

70.2.3.2. Il-Kunsillier JAE qal li bil-kumment tiegħu ried ifisser li meta jkun hemm attività annwali fil-lokalità, jekk ma jiġux l-organizzaturi allura l-Kunsill għandu javviċinahom hu mil-bidu nett sabiex imbagħad ma jkunux jistgħu jimponu li jridu huma fuq il-Kunsill.

70.2.3.3. Id-diskussjoni kompliet u eventwalment ġie maqbul li l-Kunsill għandu jipprepara lista ta' kundizzjonijiet biex din tkun lesta għal meta jkun hemm applikazzjoni. Is-SE ta rendikont ta' xi kundizzjonijiet li kien ipprepara u talab lill-Kunsill jevalwa u jara jekk iridx iżid, inaqqas jew jemenda xi kundizzjoni. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fuq il-kundizzjonijiet stipulati hawn taħt qabel ma tingħata No Objection:

- Il-Kunsill għandu jkun involut fil-laqgħat li jsiru mal-entitajiet u awtoritajiet konċernati meta jiġu diskussi l-għeluq tat-toroq jew clearances kif ukoll id-direzzjonijiet tat-trraffiku .
- Talba għall-kopja tar-risk assessment u tal-polza tal-assigurazzjoni, jew konferma mill-Pulizija li dawn id-dokumenti ġew preżentati lilhom u huma sodisfaċenti

- Siteplan finali biex tiġi evalwata u approvata mill-Kunsill li għandha tinkludi t-toroq kollha li ser jiġu afffetwati, kif (għeluq tat-triq/clearance) u meta.

- Siteplan finali biex tiġi evalwata u approvata mill-Kunsill li tindika l-oġġetti u/jew l-istrutturi kollha li ser jiġu armati matul l-attività kemm fil-post tal-attività kif ukoll fit-toroq tal-madwar li ser jiġu effetwati.

- Isir *protection fencing* madwar il-Fosos, għoli minimu ta' fossa sabiex jiġu protetti l-fosos waqt li qed isir l-armar u żarmar.

- L-ebda makkinarju jew vetturi ma jitilgħu fuq il-Fosos għall-ebda raġuni. Armar u żarmar ta' strutturi u oġġetti għandu jsir mit-triq u l-ġarr tagħhom isir b'modi alternattivi.

- L-applikant / entità li qed tapplika ma jkollhiex kontijiet pendenti relatati ma' attivitajiet passati.

70.2.3.4. Il-Kunsillier JAE qal li jibqa' l-fatt li l-Fosos għadhom mhumiex devoluti lill-Kunsill u għalhekk il-Kunsill għandu jkompli jissokta bit-talbiet tiegħu biex din is-saga tiġi fi tmiemha. Huwa kompla billi qal li opinjonijiet bħal dawn m'għandhomx jingħataw mil-Kunsill iżda minn esperti fil-ġebla.

70.2.3.4.1 Il-Kunsilliera SSH qalet li l-esperti kienu qed imorru fuq il-Fosos u kienu qed jieħdu r-ritratti.

70.2.3.4.1 Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill mhu jirċievi xejn minn din l-informazzjoni u jekk inhu hekk, allura għandu jkun involut fil-laqgħat mal-entitajiet u informat bi kwalunkwe żvilupp jew eżitu. Huwa qal ukoll li dawn l-esperti għandhom ikunu hemmhekk it-tul kollu tal-attivitajiet inkluż fl-armar u fiż-żarmar.

70.2.3.5. Il-Kunsill ikkonkluda billi qabel li għandu jieħu l-ħin jara jekk hemmx xi kundizzjonijiet oħra li jixtieq iżid qabel ma dawn ikunu finalizzati.

70.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 69.2.3 rigward il-kaptelli tat-Telgħa tal-Kurċifiss u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq din il-materja. Is-Sindku VB qal li l-Cleansing Department kienu ndagaw u qalu li hemm fossa li jista' jkun ma tbattlitx. Huwa qal li kienu rnexxielhom jiftħuha iżda trid tagħmel ix-xita sabiex wieħed jikkonferma fiċ-ċert jekk il-problema kinitx finalment is-solviet.

70.2.4.1. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jitlob li ssir tindifa sew tal-kaptelli ħalli jkun hemm verifika li hemmhekk huwa nadif. Il-Kunsill qabel.

70.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 69.2.4 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-Fosos u jekk kienx hemm risposta mill-Ministeru tal-Artijiet.

70.2.5.1. Is-SE qal li l-Kunsill kien għadu qed jistenna li jingħata appuntament mil-Ministeru tal-Kultura.

70.2.5.2. Il-Kunsillier JAE talab li ssir insistenza għax il-materja qed titwal iżżejjed. Huwa qal li għandu jkun hemm entità li jkollha l-għarfien storiku neċessarju sabiex tassigura li dan il-wirt storiku jinżamm kif xieraq.

70.2.5.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet kellmet lill-Ministru tal-Artijiet b'mod personali u li meta kellmet lill-Ministru Bonnici kien offra li jirranġa l-ħsarat il-Ministeru tiegħu.

70.2.5.4. Il-Kunsillier JAE qal li din l-informazzjoni m'għandix tingħata biss lil individwu wieħed li jkun qed isaqsi iżda għandha tingħata lill-entità għax bħala kunsillieri, il-mistoqsija tkun qed issir għan-nom tal-Kunsill.

70.2.5.5. Il-Kunsilliera SSH qalet li għandha terġa' tkellmu sabiex tkun tista' ssir komunikazzjoni mas-SE.

70.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 69.2.5 rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f'Balzunetta.

70.2.6.1. Is-SE qal li kienet intbagħtet lil Transport Malta iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

70.2.6.2. Is-Sindku qal li appena jkun hemm risposta, għandha tinżamm laqgħa mar-residenti tal-akwata sabiex ikun hemm spjega tal-pjan u l-Kunsill jara kif ser jipproċedi.

70.2.6.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-konsultazzjoni għandha ssir qabel u li għandhom isiru l-arranġamenti neċessarji biex il-Kunsill jiltaqa' mar-residenti tal-akwata u dawk li l-iktar li ser jintlaqtu minn dawn il-kambjamenti.

70.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 69.2.6 rigward il-kamera ta' wara ta' Bieb il-Bombi u staqsa jekk il-Kunsill irċevix risposta dwar min neħħa din il-kamera.

70.2.7.1. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-Pulizija li nformawh li kienu inġiebu ammont ta' filmati mil-kameras tal-madwar. Huwa qal li għalkemm ħafna mil-kameras kienu jagħtu għan-naħa ta' quddiem Bieb il-Bombi, xorta waħda hemm biżżejjed filmati sabiex jinqabad min kien għamel dan l-att vandalu.

70.2.7.2. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill irid isostni bit-talbiet tiegħu sabiex din il-kamera terġa' tiġi installata.

70.2.7.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob li l-kamera tas-sigurtà terġa' tiġi installata minnufih.

70.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 69.2.7 rigward it-tabelli ta' Triq Nazzjonali u Triq Sant'Anna. Is-SE qal li ma kienx hemm korrispondenza ġdida. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

70.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 69.4.2 rigward il-funtana tal-iljun u staqsa jekk hemmx xi informazzjoni ġdida. Is-Sindku qal li m'hemmx informazzjoni ġdida iżda ser jieħu ħsieb iċempel u għandu jinforma lill-Kunsill f'każ li jkun hemm xi aġġornamenti.

70.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 69.4.3 rigward Pjazza Robert Samut u xtaq li jirringrazzja lil kull min kien involut biex jitħawwlu s-siġar taż-żebbuġ.

70.2.11. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 69.4.5 rigward l-iskart u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp.

70.2.11.1. Is-Sindku qal li riċentement kienet inżammet laqgħa mal-ERA fejn ġew diskussi xi kambjamenti li ser isiru bħall-bidla fil-borża s-sewda li ser tagħmilha iktar faċli biex l-uffiċjali jidentifikaw xi jkun intrema fiha.

70.2.11.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk dawn l-emendi hux ser iwasslu biss biex jiġi ċċekkjat x'hemm fil-borża minħabba li sfortunatament qed ikun hemm problemi oħra bħal ħruġ tal-borża s-sewda fi ġranet ħżiena. Huwa kompla billi staqsa x'għajnuniet ser ikollu l-Kunsill biex dan ma jibqax isir.

70.2.11.3. Wara li ddiskuta diversi problemi oħrajn bħalma huma t-tgeddis tal-boroż fl-irkejjen u l-problemi tal-borża tal-iskart organiku, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mar-Reġjun Port sabiex jara x'jista' jsir biex jiġu mitigati dawn il-problemi.

70.2.11.4. Il-Kunsillier JAE qal li fil-bidu li ġiet introdotta din il-miżura, il-Kunsill kien iltaqa' mal-Ministru Herrera fejn kienu ġew diskussi diversi problemi individwali ta' kull lokalità u staqsa jekk dawn il-problemi kienux qed jiġu kunsidrati. Huwa qal li l-Floriana hija lokalità b'ammont kbir ta' anzjani u għalhekk l-iskart ġenerat ikun differenti minn lokalitajiet oħra bħal per eżempju jkun hemm ħrieqi li ma jistgħux jinġabru biss darbtejn f'ġimgħa għax jintnu. Huwa qal li minħabba dawn il-problemi, l-iskart jispiċċa jinħareġ barra b'konsegwenza li jkompli joħloq iktar problemi għal-lokalità. Is-Sindku qal li sfortunatament s'issa kien għad ma kellux risposta fuq dan.

70.2.12. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 69.4.7 u staqsa x'jista' jsir biex tissolva l-problema tad-dawl fil-ġonna ta' fuq is-sur. Is-Sindku VB qal li jekk jifdal xi fondi tal-UIF ikun possibbli li jiġi kkunsidrat biex dawn jintużaw għat-titjib tas-sistema elettrika.

## 70.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

70.3.1. Is-Sindku preżenta kopja tad-default notice li l-Kunsill ser joħroġ lill-kuntrattur tal-knis tat-toroq relatata ma' diversi nuqqasijiet mil-kuntratt. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' din id-default notice.

70.3.2. Is-Sindku VB ressaq talba sabiex jerġgħu isiru t-toqob biex ikunu jistgħu jitpoġġew bollards ħdejn l-iskola. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

70.3.3. Is-Sindku ressaq xi mistoqsijiet mingħand resident li talab xi informazzjoni.

70.3.3.1. Fir-rigward tal-attivitajiet li ġew organizzati fis-Sajf, is-SE spjega li jkun hemm kumpens finanzjarju minn uħud mill-attivitajiet, fejn tali kumpens ikun relatat mal-użu tat-toroq. Is-SE spjega li l-kumpens jinħadem għall-prezz ta' €2.33 għal kull metru kwadru għal kull ġurnata li jsir l-użu.

70.3.3.2. Fir-rigward tal-kamra tal-injam li ser tintuża għaż-żamma tat-tricycles, is-Sindku qal li hu kien tkellem mal-kumitat li jieħu ħsieb il-ġonna botaniċi u li qed jipprovaw jipprovdu kamra għal dan l-użu.

70.3.3.3. Fir-rigward tal-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana, is-Sindku qal li din il-materja ser tiġi diskussa iktar tard matul il-laqgħa.

70.3.4. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand il-Grow 10 Trees Project fejn pproponew li jifirħu xi siġar bil-kundizzjoni li dawn eventwalment jieħu ħsiebhom il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jikkjarifika fejn u x'tip ta' siġar kienu qed jipproponu.

70.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jorganizza trasport mil-lokalità għall-Palazz tal-Verdala dakinhar tal-President's Fun Run. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

70.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fejn informaw li kellhom il-ħsieb jagħmlu libreriji fl-apert. Huma nformaw li kienet ser issir għotja inizjali ta' mitt ktieb. Il-Kunsill qabel li tali librerija għandha ssir fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u li l-Kunsillieri JAE, JP u l-Viċi Sindku AD għandhom jalternaw biex din tinżamm b'mod xieraq.

70.3.7. Is-Sindku ressaq talba għall-permess biex il-vetturi jkunu jistgħu jipparkjaw fuq il-bankina fi Trejqet il-Fosos. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma laqax it-talba li vetturi jipparkjaw fuq il-bankina biex ma tinħoloqx problema ta' aċċessibiltà.

70.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward ir-recycling point li kien hemm fi Triq Emvin Cremona u li kienet tneħħiet. Huma rrakkomandaw lill-Kunsill sabiex jipproponi post

alternattiv fejn tista’ terġa’ tiġi installata din ir-recycling point. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u semma d-diversi problemi li kien isib fil-passat. Għalhekk qabel li għandu jiltaqa’ mal-ERA sabiex ikun jista’ jiddiskuti magħhom.

70.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza fejn ġie propost li s-siġar tal-palm li ser jinqalgħu minn Triq Sa Maison jitħawwlu f’postieħor fil-lokalità. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandhom jinżergħu tnejn fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u erbgħa fi Triq Sant’Anna.

70.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-barman tal-każin tal-Banda Vilhena fejn informa li kienu applikaw għall-permess tal-encroachment. Il-Kunsill innota dan.

## 70.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

70.4.1. Il-Viċi Sindku AD għamel riferenza għall-attivitajiet li ġew organizzati fuq il-Fosos fis-Sajf u qal li hu jħoss li għandu jkun hemm pjan wieħed li miegħu għandha timxi kull attività li tiġi organizzata.

70.4.1.1. Il-Kunsillier JAE qal li l-opinjoni hija tajba biss il-Kunsill m’għandux is-saħħa sabiex jimponi din il-kundizzjoni.

70.4.1.2. Il-Viċi Sindku AD ppropona biex fil-perjodu li ġej, il-Kunsill jiltaqa’ mal-entitajiet primarji bħalma huma Transport Malta u l-Pulizija, sabiex jiddiskuti magħhom il-possibbiltà li jkun hemm pjan standard. Dan biex ir-residenti jkunu jafu li ladarba jkun hemm attività, it-tali toroq se jkunu magħluqin u jkun hemm standardizzazzjoni.

70.4.1.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li kien għalhekk huwa importanti li jibqa’ jesiġi li jkun involut fid-diskussjonijiet mal-istakeholders primarji sabiex ikun jista’ jagħti l-kontribut tiegħu kif ukoll ikollu l-informazzjoni biex ikun jista’ jgħarraf lir-residenti bid-dettalji relatati.

70.4.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-proġett tat-toroq fi Pjazza Sir Luigi Preziosi. Is-Sindku qal li suppost wasal biex jibda’ jingħata t-tarmak u għalhekk m’għandix iddum wisq biex titlesta.

70.4.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għaż-żona ta’ ħdejn il-Grand Hotel Excelsior u qal li m’hemmx biżżejjed dawl. Huwa ppropona li l-Kunsill iressaq talba biex din iż-żona tkun imdawwla aħjar. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li jiġbed l-attenzjoni fuq il-floodlight li hemm fil-viċin u li hu ta’ periklu għas-sewwieqa.

70.4.4. Il-Kunsilliera JP qalet li qed ikun hemm ħafna klieb li jinżammu mingħajr ċinga u ppoponiet li jiżdiedu t-tabelli biex il-klieb jinżammu biċ-ċinga. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jagħmel xi tabelli fil-pjazez ta’ madwar il-lokalità.

70.4.5. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li t-toroq tan-naħa t'isfel tal-lokalità bħalma huma Triq is-Suq, Triq San Tumas u Triq il-Miratur isiru one-way. Il-Viċi Sindku AD offra l-assistenza tiegħu biex issir pjanta ta' kif jistgħu jiġu. Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

70.4.6. Il-Kunsilliera SSH qalet li maġenb l-ABC kien inqala' xi madum mil-paviment. Is-SE nforma li kien bagħat lill-kuntrattur iżda sa dakinhar kien għad ma kellux risposta.

70.4.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-mera li kienet tneħħiet minn Triq San Tumas u pproponiet li ssir oħra. Is-SE qal li kienu ġew ordnati xi mirja u la jaslu, għandha titwaħħal din il-mera filwaqt li jiġi mmultat il-kuntrattur.

70.4.8. Il-Kunsilliera SSH talbet li terġa' ssir barrier bil-katnazz fi Triq Vincenzo Bugeja kantuniera ma' Triq l-Iljun. Il-Kunsill qabel.

70.4.9. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għas-sleeping policeman li hemm fi Triq il-Miratur kantuniera ma' Triq San Franġisk u talbet li din titranġa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 70.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

70.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 70.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

70.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 53/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

70.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 70.7 Proġett taż-żona pedonali – Triq Mauro Caruana

70.7.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li dan il-proġett qiegħed fi ħdan il-Perit. Huwa qal li l-pjan hu li t-triq eventwalment issir kollha jekk ikun finanzjarjament vijabbli.

70.7.2. Is-SE spjega li wara l-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti, tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti. Huwa qal li d-deadline huwa bejn Ġunju u Lulju tas-sena 2024 u għalhekk it-triq għandha titlesta sa dak iż-żmien.

## 70.8 LAQGĦA MAL-PULIZIJA DWAR TQEGĦID TA' MWEJJED U SIĠĠIJIET

70.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li nżammet laqgħa mal-Pulizija dwar il-bars u l-kwistjoni tal-imwejjed u s siġġijiet.

70.8.2. Is-SE qal li l-Pulizija kienu ppproponew li l-Kunsill jiltaqa' mas-sidien tal-bars u jħeġġiġhom jemendaw il-pożizzjoni tagħhom u jissanzjonaw ruħhom mad-Dipartiment tal-Artijiet, eċċetra. Huwa qal li huwa l-Kunsill li jiddeċiedi kemm-il spazju ta' parkeġġ wieħed jista' jingħata, jekk xejn, u x'ħinijiet jistgħu jagħmlu użu minnhom.

70.8.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li fil-ħemda tal-lejl kollox jibda' jinstema' u jaf l-istorbju jkun ta' detriment għar-residenti tal-madwar. Is-SE qal li hemm liġi li tirregola l-istorbju fiż-żona residenzjali u li jekk dan ikun il-każ, il-Pulizija tkun tista' tieħu azzjoni.

70.8.4. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill ma jistax jiġi f'sitwazzjoni simili għal dik ta' Strada Stretta fil-Belt Valletta.

70.8.5. Wara li kompla jiddiskuti, il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Pulizija biex tieħu azzjoni kontra kull min jieħu spazju ta' parkeġġ jew spazju fuq il-bankina mingħajr ma jkollu l-permessi neċessarji.

70.8.6. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jkellem lill-enforcement officer responsabbli miż-żona tal-Floriana sabiex jitlob informazzjoni fuq x'permessi validi hemm fis-seħħ u jekk jistgħux jiġu infurzati. F'każ li ma jkunx hemm risposta fi żmien ħmistax, il-Viċi Sindku AD qal li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Ministru responsabbli.

**Nota: 19:51 Il-Kunsillier JAE talab li jkun skużat.**

## 70.9 PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET TAL-MILIED

70.9.1. Is-SE fetaħ il-materja billi nforma bl-iskema li qed tiġi offruta mir-Reġjun Port u qal li min għandu xi proposti rigward l-attivitajiet tal-Milied għandu jieħu ħsieb jibgħathom sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika.

70.9.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li kien hemm persuna li xtaqet tagħmel face painting u li d-dħul minnu ikun jista' jmur għal Puttinu Cares. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-persuna.

70.9.3. Is-SE nforma li kien ikkuntattja lill-kuntrattur tat-tiżjin tad-dawl tal-Milied u li għandu jieħu ħsieb jiltaqa' miegħu fil-ġranet li ġejjin.

70.9.3.1. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk hux ser ikun hemm dawl madwar il-palm ta' Triq Sant'Anna. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb jitkellem mal-kuntrattur.

70.9.4. Fir-rigward tal-attivitajiet tal-Milied, is-SE qal li l-ħsieb hu li jsiru attivitajiet simili għal dawk li saru s-sena l-oħra. Huwa reġa' sostna biex kwalunkwe proposti ġodda għandhom jaslu għandu f'qasir żmien sabiex ikun jista' jiġi formulat u finalizzat il-programm tal-attivitajiet.

## 70.10 ATTIVITAJIET 300 SENA MIT-TWELID TAL-FLORIANA

70.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-ġimgħa ta' wara kienet ser tiġi organizzata laqgħa mar-rappreżentanti tal-għaqdiet tal-lokal li matulha kienu ser jiġu formulati xi attivitajiet li jistgħu isiru fl-okkażjoni tat-tliet mitt sena mit-twelid tal-Floriana.

## 70.11 SISTEMA TA' LATRINI AWTOMATIĊI

70.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi nforma li hemm l-applikazzjoni tal-Kunsill għaddejja.

70.11.2. Huwa kompla billi qal li għandu jinforma lill-Kunsill appena jkun hemm xi żvilupp rigward din il-materja.

## 70.12 SKEMA GĦAL CCTVS FIL-LOKALITÀ;

70.12.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li s-SE kien iltaqa' ma' diversi kuntratturi biex iġib kwotazzjonijiet.

70.12.2. Is-SE spjega li l-prezzijiet ivarjaw però huwa importanti li l-kameras li jinxtraw ikunu ta' kwalità għolja sabiex ikun possibbli li jiġu identifikati l-persuni f'każ ta' bżonn.

70.12.3. Is-SE kompla billi qal li jekk titwaħħal sistema fiż-żona tal-Housing Authority, ikunu jistgħu jintlaqtu erba' rkejjen bl-istess servizz.

70.12.4. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li bl-iskema tar-Reġjun Port, jieħu ħsieb jolqot iż-żona tal-Housing Authority u ż-żona ta' ħdejn l-iskola.

70.12.5. Is-Sindku ppropona li tiġi rranġata l-kamera ta' ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 70.13 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

70.13.1. Il-laqgħa intemmet fit-20:05 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru 2023 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum il-Ħamis 16 ta' Novembru 2023**

(iffirmat)

Vincent Borg
Sindku

(iffirmat)

Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv